MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Numru 910/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur C. Abdilla)**

**vs**

**GEOFFREY XUEREB**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Geoffrey Xuereb, ta’ 46 sena, bin Joseph u Doris nee’ Borg, mwieled Msida’ fil-04/12/1958, u joqghod gewwa 10 Triq il-Barmil Ibragg Swieqi detentur tal-karta ta’ identita’ 63159(M) gie akkuzat:

talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew mghamula b'rizoluzzjoni wahda ikkommetta is-segwenti reati:

1. Nhar l-24 ta Gunju 2005 fit-300 pm u fix-xhur ta' qabel waqt li kien gewwa l-ghassa ta San Giljan li tinsab fi Triq San Gorg, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-surgent PS 1492 Joseph Pace, persuna inkarikata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan ai terminu tal-artikolu 92 u 95 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. U aktar talli bil-hsieb li tellef jew inaqqas il-gieh ta' PS 1492 Joseph Pace wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, disinji jew b'xi mod iehor u dan ai terminu tal-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cikostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok CA3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat, seduta stante, skuza ruhu ma' PS 1492 Joseph Pace dwar l-akkadut.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 92, 95, 252 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Geoffrey Xuereb, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat, li fis-Seduta tallum l-imputat, seduta stante, skuza ruhu ma' PS 1492 Joseph Pace dwar l-akkadut u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, rigward l-ewwel akkuza tillibera lill-istess imputat Geoffrey Xuereb taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum, rigward it-tieni akkuza tikkundanna lill-istess imputat Geoffrey Xuereb ghall-piena ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) multa u rigward it-tielet akkuza tikkundanna lill-istess imputat Geoffrey Xuereb ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) ammenda.

Inoltre, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Geoffrey Xuereb b'obbligazzjoni personali ta' mitt Lira Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' PS 1492 Joseph Pace u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Geoffrey Xuereb l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------